***Digriet kamerali ai termini tat-tieni proviso tal-artiklu 741(b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta; Eccezzjoni li titqanqal mill-Qorti ai termini tal-artikolu 732A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta***

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgha 21 ta' Marzu, 2018**

**Rikors Numru 710/17TA**

**Donald Micallef (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 207082 (M))**

**vs**

**Mario u Phyllis konjugi Aquilina (detenturi tal-karta ta' l-identita` bin-numri: 636037 (M)) u 573137 (M) rispettivament) u Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**<u>Digriet kamerali</u>**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat, presentat u mahluf minn Donald Micallef fis-7 ta' Awwissu 2017;

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenuti konjugi Aquilina presentata u mahlufa minnhom fil-15 ta' Settembru 2017 u dik tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali mahlufa minn Eunice Grech Fiorini fit-3 ta' Ottubru 2017;

Rat il-verbal tas-27 ta' Frar 2018 li bih il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-Sentenza u ddifferietha ghall-1 ta' Marzu 2018;

Rat il-verbal tal-1 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu l-Qorti ssollevat ex-officio l-inkompetenza taghha biex tisma' l-kaz li ghandha quddiemha abbazi tal-artiklu 774(b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artiklu 732A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta ddifferiet il-kawza ghat-12 ta' Marzu 2018 biex il-partijiet ikunu jistghu jittrattaw din l-eccezzjoni;

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni fuq imsemmija fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2018 u halliet il-kawza ghal digriet kamerali fuq din l-eccezzjoni kif jitlob l-artiklu 741(b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta b'dan li xorta ddifferiet il-kawza ghas-17 ta' April 2018 sabiex jekk ikun il-kaz jittiehed konjizzjoni ta' dan id-digriet;

Rat ukoll ir-rikors presentat mill-Attur fit-12 ta' Marzu 2018 li dwaru din il-Qorti sejra wkoll tipprovdi f'dan id-digriet.

Dan huwa digriet kamerali ai termini tal-artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tal-eccezzjoni moghtija mill-Qorti ex-officio kif fuq inghad, il-Qorti, ghandha qabel kollox tqis, jekk l-azzjoni promossa fil-kawza odjerna, hijiex permissibbli u attendibbli skont il-ligi, fis-sens li din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni taghha. Dan ifisser, li din il-Qorti trid tara jekk ghandhiex is-setgha li tissindika d-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-akkoljiment tat-talba ghall-kancellament ta' appell li kien interpost mill-Attur quddiem dik il-Qorti. Biex isir dan l-ezercizzju, wiehed irid jistaqsi x'inhi n-natura guridika tad-digriet in kwistjoni.

Il-gurisprudenza tghallem li "*hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell, ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett, izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell*." (**Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine**, **Qorti Kostituzzjonali, 21 ta' Gunju, 1988).**

Digrieti interlokutorji huma mfissra bhala "*i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa nella procedura, che sogliono chiamarsi "preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che chiamarsi "ordinatorie*". (Vol.XXIII.i.623). (**Paul Tanti pro et noe vs Sammy Mifsud et**, **Qorti tal-Appell, 19 ta' Novembru 2001).** Fi kliem iehor digriet interlokutorju jirrizolvi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawza pendente lite, jigifieri waqt li din tkun ghadha ghaddejja (**Philip O. Gatt pro et nomine vs Adrian Busietta pro et nomine**, **Qorti Civili Prim' Awla, 9 ta' Mejju, 2002**). Digrieti interlokutorji ma jikkostitwux gudikat ghall-Qorti li tkun ppronunzjatu u konsegwentement jista' jkun soggett ghar-revoka contrario imperio tal-istess Qorti (**Emanuel Abela vs Perit Fredrick Valentino**, **Qorti tal-Appell, 4 ta' Dicembru 1998; Alfred Piscopo vs Direttur Servizzi Socjali, Qorti tal-Appell, 4 ta' Mejju 1992, Vol. LXXVI.ii.252).**

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ghalhekk irid jinghad, li d-digriet in kontestazzjoni ma huwiex wiehed interlokutorju, peress li ma huwiex wiehed li inghata pendente lite sabiex, per ezempju, biex jistrada l-Kawza u galadarba bid-digriet inkwistjoni ma ghadx hemm proceduri pendenti. Fir-rejalta', dawk il-proceduri li minnhom sar l-appell, bid-digriet inkwistjoni, gew defittivament itterminati. Ghalhekk, altru milli hemm proceduri pendenti.

Imiss issa jigi ndagat jekk id-digriet inkwistjoni huwiex wiehed definittiv fis-sens spjegat. Gie nsenjat li "*Biex digriet jinghad li huwa definittiv irid ikun tali li b'xi mod jidderimi ossia jtemm il-kontroversja bejn il-partijiet. … Il-kontroversja hija dik migjuba fil-kawza proprja*". (**Josef Gatt vs Marisa Gatt**, **Qorti tal-Appell, 8 ta' Mejju 2003).** Isegwi, li d-digriet in kwistjoni lanqas ma huwa wiehed definittiv fis-sens kif jghidu dawn is-Sentenzi, ghaliex permezz tieghu ma gietx deciza u mitmuma kwistjoni bejn il-partijiet, izda gie kancellat l-Appell interpost mill-Attur. Fi kliem il-Qorti diversament presjeduta, "*Hu ovvju, li l-kancellament tal-kawza mhux ekwivalenti ghal decizjoni fil-mertu u hu zgur li kancellament ma jfissirx li hemm ir-res judicata bejn il-partijiet.*" (**Emanuel Portelli et vs Avukat Generali et**, **Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali, 14 ta' Gunju 2012).**

Huwa minnu li bid-digriet inkwistjoni u l-konsegwenzjali dezerzjoni, l-ewwel decizjoni tkun giet determinata definittivament, izda dan isehh, mhux bis-sahha tad-digriet ta' kancellament , peress li dan ma jiddeciedi xejn fil-mertu. Id-digriet ma dderimiex il-mertu, izda dderima l-proceduri fi stadju t'appell, bil-konsegwenza, li d-decizjoni ta' Tribunal tal-Prim Istanza, ma baqghetx aktar attakkabbli, jekk mhux bl-Istitut tar-Ritrattazzjoni, ghar-ragunijiet stretti u ezawrjenti li jelenka l-artiklu 811 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Isegwi ghalhekk, li d-digriet mertu ta' din il-kawza huwa wiehed, li jaqa' fit-tielet kategorija u ghaldaqstant jista' jigi mpunjat "*biss permezz ta' citazzjoni*

*in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet.*" (**Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine** citata supra).

Izda ladarba l-procedura bic-citazzjoni, illum Rikors Guramentat, ma hijiex ammissibbli quddiem il-Qorti tal-Appell, l-Attur ma setax proceduralment jintavola rikors guramentat ai termini tal-artiklu 154 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, quddiem il-Qorti msemmija minn fejn emana d-digriet impunjat. Ghaldaqstant tinsorgi l-kwistjoni, jekk tali rimedju huwiex disponibbli quddiem il-Qorti Civili Prim' Awla.

Din il-Qorti diversament presjeduta diga kellha l-okkazjoni tezamina din il-kwistjoni fis-**Sentenza fl-ismijiet Ronald Agius et vs Paul Portelli tas-16 ta' Gunju 2004** kif konfermata mill-**Qorti tal-Appell permezz ta' Sentenza moghtija fit-12 ta' Lulju 2005** u rrikonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fit-2 ta' Marzu 2007 wara li l-istess cahdet talba ghar-ritrattazzjoni. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fit-12 ta' Lulju 2005 sostniet dan li gej:-

"… … *il-pern tal-kwistjoni huwa dan: Setghu l-atturi jipproponu citazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Civili biex jimpunjaw id-digriet surreferit* [jigifieri li la huwa wiehed interlokutorju u lanqas wiehed definittiv] *moghti mill-Qorti ta' l-Appell? Fil-ligi tal-procedura – Kap. 16 – ma hemm xejn f'dan is-sens. Setghu, kieku*

*hekk riedu l-atturi, jipproponu rikors min-naha taghhom ghall-fini ta' revoka tad-digriet li huma jridu jimpunjaw, imma certament ma setghu qatt jipprezentaw citazzjoni quddiem il-Qorti mnejn emana l-istess digriet. Lanqas ma huwa legalment konsentit ghall-appellanti li fejn il-ligi ma tipprovdix xort'ohra, huma jipprovaw jirrimedjaw billi jaghmlu analogija ma' sitwazzjonijiet ohrajn li ghalihom il-ligi tipprovdi espressament.*

*Minn ezami tal-kazistika in materja, jirrizulta mbaghad li dawn il-Qrati dejjem hadu l-linja – wahda kondiviza ghal kollox minn din il-Qorti kif komposta – li proceduri bhax-xorta in ezami ghandhom jigu intavolati quddiem il-Qorti li tkun emanat id-digriet u mhux xi Qorti ohra sakemm il-ligi stess ma tipprovdix mod iehor. Infatti, gie ritenut fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet Dr. Reno Borg v. Joseph N.Tabone noe et (deciza fid-9 ta' Lulju 1991), li l-procedura in kontradittorju kellha ssir "permezz ta' citazzjoni jew att iehor promotorju u idoneju" u aktar tard dik l-istess Qorti regghet tenniet li l-proceduri kellhom isiru "fil-Qorti li tkun emanat dak id-digriet". Jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni kif proposta kienet guridikament insostenibbli.*"

Irid pero' jinghad, li s-Sentenzi fuq imsemmija kollha inghataw qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att IV tal-2016, ghall-artiklu 741 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Dawn l-emendi, kienu appositament introdotti bl-iskop, li sa

fejn jista' jkun, meta Qorti tiddikjara ruhha inkompetenti, l-Atti jigu salvati billi jintbaghtu quddiem dik il-Qorti jew Tribunal li ghandu kompetenza li jisma' l-Kawza. Dan qieghed jinghad, ghaliex din ic-cirkostanza ser takkwista valur legali ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel.

L-argumenti tal-Attur, sa fejn jirrigwarda l-mod kif sar il-kancellament tal-Appell abbazi tal-artiklu 199(1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta u li cioe`, li dan l-artiklu huwa applikabbli biss ghall-proceduri quddiem il-Prim Awla u mhux quddiem il-Qorti tal-Appell, ghandu jsir quddiem il-Qorti li emanat dak id-digriet. L-Attur jilmenta ukoll inkwantu jirrigwarda l-mod ta' kif saret in-notifika tal-mozzjoni ta' appuntament tas-smiegh tal-Appell. Anke f'dan ir-rigward, hija dik il-Qorti li trid tiehu konjizzjoni ta' dan l-ilment. Il-konsiderazzjonijiet li qed taghmel din il-Qorti huma ghal kollox indipendenti mill-fatt jekk dik il-Qorti hiex fis-setgha jew taqbilx li tiehu konjizzjoni ta' dawn l-ilmenti fl-istadju li tinsab fiha l-Kawza appellata.

Dan kollu jkompli jsahhah il-fehma ta' din il-Qorti, li dak li qed jitlob l-Attur fil-Kawza odjerna tista' biss tiehu konjizzjoni tieghu, il-Qorti li emanat id-digriet ta' kancellament mertu tal-kawza, f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell inkwistjoni. Il-hsieb wara dan ir-ragunament huwa ventilat mill-htiega li jkun ikkonservat l-ordni gerarkiku u organizzattiv tal-Qrati bejniethom, fis-sistema gudizzjarju ta' Malta. Ma hux legalment koncepibbli, li digriet bhal dak in ezami, emanat mill-Qorti tal-Appell, jigi revokat b'digriet iehor tal-Qorti Prim Awla Civili. Il-

Prim' Awla ma' hiex Qorti ta' revizjoni ta' Sentenzi jew digrieti moghtija minn Qorti tal-Appell. Ghalhekk isegwi, li l-Qrati tal-Prim Istanza ma humiex imfasslin biex jirrevokaw jew jirrevedu, taht kwalunkwe forma li jista' jissejjah l-att impunjattiv, digriet jew provvedimenti ta' Qorti ta Appell, ghalkemm bil-kuntrarju jista' jsir. Di fatti, artiklu 41 (5) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta specifikament jiddisponi li l-Qorti tal-Appell "*tisma' u tiddeciedi l-appelli kollha mid-decizjonijiet kollha tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri* " (ara ukoll f'dan ir-rigward l-artiklu 41(6) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta inkwantu jirrigwarda Appelli b'Imhallef wiehed u kif ukoll artiklu 24 tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta fil-kaz ta' Sentenzi tal-Bord Li Jirregola l-Kera ). Dan ma jinghadx biss ghal Sentenzi ta' dawk il-Qrati, izda anke ghal digrieti jinghataw minnhom (ara per ezempju artiklu 229 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ).

Fejn il-ligi riedet li l-Qrati tal-Prim Awla jkollhom ukoll l-poter li jissindikaw digrieti ta' Qrati ohrajn, dan ghamlitu specifkament. Fil-fatt artiklu 35 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi li "*mid-digrieti tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni volontarja ma jinghatax appell, izda meta l-parti jidrilha li hija aggravat, tista' taghmel kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghall-provvediment mehtieg".* Dwar dan l-artiklu zewg osservazzjonijiet: li ma jesisti ebda artiklu konsimili sa fejn jirrigwarda digrieti tal-Qorti tal-Appell u li tali poteri lill-Prim

Awla, gew espressament limitati ghal digrieti tal-Gurisdizzjoni volontorja, ossia s-Sekond' Awla Qorti Civili.

Ghalhekk jaghmel hafna sens, l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali f'cirkostanzi, li ghalkemm mhux identici huma simili ghal dak li ghandha quddiemha din il-Qorti, fil-**provvediment fl-ismijiet Dr. Alfred Mifsud -vs- Prim Ministru et tal-20 ta' Lulju 1994:**

"*Dan kjarament huwa ingust ghaliex <u>jistultifika s-sistema gudizzjarja kollha kemm hi,</u> jaqleb l-ordni gerarkiku tal-Qrati ta' taht fuq, kif jghidu linglizi – "turning the system on its head", bir-risultat li tinholoq dik id-<u>disrodni</u> fl-ammistrazzjoni tal-Gustizzja li hija propiju l-antitesi ta' kull principju mhux biss tal-gustizzja fil-konotat majestuz taghha dik il-virtu' vitali ghas-Socjeta' imma anke ta' kull semplici regola tad-Dritt."*

Applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz in dizamina, jirrizulta ghalhekk, li din il-Qorti hija prekluza milli tissindika l-ezercizzju diskrezzjonali tal-Qorti tal-Appell inkwantu jirrigwarda d-digriet minnha moghti. Fid-dawl tas-Sentenzi fuq citati, l-Attur irid jressaq it-talbiet tieghu, mhux lil din il-Qorti, izda lil dik il-Qorti li emanat id-digriet li qieghed jilamenta minnu, jigifieri lill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-atti tal-Appell mis-Sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "Mario Aquilina et vs Donald Micallef", Rikors Nru 43/13.

Konsegwentement din il-Qorti ma hiex kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-Kawza odjerna minhabba x-xorta tal-haga mertu tal-litigju taghha fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artiklu 774(b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, diversament minn kif kien jigri qabel ma inghataw is-Sentenzi fuq imsemmija, din il-Qorti hija kostretta li tipprovdi skont dak li jiddisponi l-artiklu 741 (b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

In vista ta' dan id-digriet, l-Qorti qeghdha ghalhekk ukoll, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors fuq imsemmi presentat mill-Attur fit-12 ta' Marzu 2018.

**Provvediment**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghdha, permezz ta' dan id-digriet kamerali:

(1) **Tilqa'** l-eccezzjoni minnha sollevata ai termini tal-atikolu 732A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2018 (a` fol 25), li bis-sahha taghha qanqlet l-inkompetenza taghha minhabba x-xorta tal-haga fil-kwistjoni mertu tal-kawza.

(2) **Tiddikjara** lilha nnifisha bhala inkompetenti ai termini tal-artikolu 774(b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta minhabba x-xorta tal-haga fil-kwistjoni tal-Kawza odjerna.

(3) **Tordna** konsegwentement li r-rikors guramentat, flimkien mal-atti kollha tieghu, jigu trasferiti lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) presjeduta mill-Imhallef Anthony Ellul sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiehu konjizzjoni taghha ai termini tal-artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta u taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet opportuni fic-cirkostanzi.

Spejjes ta' dawn il-proceduri f'dan l-istadju riservati mal-gudizzju finali.

Moghti kameralment illum 21 ta' Marzu, 2018.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**